repubblika

5 ta' Frar 2022

Il-Kummissarju dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika
Triq San Pawl
Il-Belt Valletta

Sur Kummissarju:

DWAR: INFIEQ PUBBLIKU GĦALL-PUBBLIĊITÀ GĦALL-GVERN FIL-MEZZI TAL-PARTIT LABURISTA

Qed nibgħatlek kopja ta' ittra li bgħatt dal-għodu lill-Awditur Ġenerali. Se nżommok infurmat dwar kwalunkwe risposta li se nirċievi.

Fuq il-bażi tad-deċiżjoni tiegħek fil-każ ta' Carmelo Abela u tar-rakkomandazzjonijiet li għamilt sussegwentement, jidhrilna li jkun ġustifikat li int ukoll teżamina jekk id-diskrezzjoni assoluta li qed japplika l-Gvern fl-infieq f'reklamar tikkostitwiex imġieba mhux etika tal-Ministri li qed jieħdu dawn id-deċiżjonijiet.

L-infieq dirett u esklussiv mal-mezzi tal-Partit Laburista mill-anqas jiksru r-rekwiżit etiku li l-Ministri jevitaw kunflitti t'interess jew li jħawwdu r-rwol tagħhom fil-Gvern mal-isħubija tagħhom fil-Partit tagħhom.

Minbarra hekk, il-fatt li l-infieq tal-Gvern isir kollu fuq il-mezzi tal-Partit Laburista jfisser li mezzi oħra ma jġorrux l-istess informazzjoni li l-Gvern hu obbligat li jassigura li tasal għand kulħadd.

Wara r-rapport tiegħek fil-każ ta' Carmelo Abela, intużat l-iskuża viljakka li għalkemm l-aġir tiegħu ma kienx etiku, kellu jkun skansat kull konsegwenza għax ma kienx hemm regola espliċita li kienet tipprojbixxi dak li għamel.

Dakinhar u llum nirrespinġu din l-iskuża għax ebda kodiċi ta' etika ma jista' jipprovdi għal kull ċirkostanza possibbli u aġir kontra l-prinċipji etiċi għandu jsib konsegwenzi indipendentement minn jekk dak l-aġir hux espressament ipprojbit.

Minkejja dan, u waqt li l-Uffiċċju tiegħek għaddej bi sforz m'esperti biex isaħħaħ ir-regolamenti li jagħtu gwida għal imġieba aktar etika nitolbuk tikkonsidra tinkorpora s-sejbiet tiegħek dwar dan il-każ fi kwalunkwe riforma li jogħġbok tirrakomanda.

Intant, nitolbuk tivverifika dawn il-fatti u tieħu l-azzjoni maħsuba fil-liġi.

Bir-rispett,

Robert Aquilina

29, Pjazza tal-Knisja, L-Imqabba MQB 1011, Malta
repubblika.org